**Fil-Qorti Civili Prim'Awla**

**Frances Anastasi**
**(ID[redacted])**

**Vs**

**Ministru tas-Sahha**

**Protest ta' Frances Anastasi**
**Tesponi umilment**

Illi hi *Nursing Officer* fid-Dipartiment tas-Sahha u dan minn 1982, minn liema zmien dejjem kienet assenjata gewwa l-iSptar San Luqa u sussegwentement l-iSptar Mater Dei. Tul dan iz-zmien qatt ma kellha problemi dixxiplinarji.

Illi fil-21 ta' Mejju 2013 giet infurmata verbalment illi ser tigi trasferita gewwa l-iSptar Boffa u hi indikat illi minhabba li a) ma kien hemm ebda raguni ghal dan it-trasferiment, anzi hu car illi hija b'vendikazzjoni u xejn aktar u b) tali trasferiment kien ikun ta' hsara psikologika enormi ghaliha, kif ikkonfermat minn certifikat mediku minn psikjatra, hi kienet qed toggezzjona ghal dan it-trasferiment.

Illi ftit qabel, minhabba problemi ta' sahha serji fil-familja, kienet talbet trasferiment ghac-Centru tas-Sahha tal-Mosta izda kienet appik li tirtira t-talba peress illi l-problemi familjari hadu zvolta differenti minhabba li l-affarjiet marru ghall-aghar. Jidher illi l-Ministru seta' kien taht l-impressjoni illi t-trasferiment ghall-Mosta kien sar izda fil-fatt it-trasferiment kien ghall-iSptar Boffa.

Illi fi sforz biex tirranga c-cirkostanzi taghha, cirkostanzi li mhumiex ta' natura frivola peress illi hemm impatt kif ga ntqal fuq is-sahha u s-serhan il-mohh tal-Protestanti u l-familja taghha, hi ghamlet kull sforz, u sahanistra iltaqghet mall-Ministru, u minkejja illi l-ezitu immedjat kien illi talabha tindikalu fejn tista' tmur gewwa l-iSptar Mater Dei, dan fis-1:06 am tat-3 ta' Lulju baghtilha messagg li jghid testwalment kif gej:

> *Ninsab infurmat li hadd mhu disponibbli li jaccettak MDH* [Mater Dei Hospital]. *Jiddispjacini*

Illi l-Protestanti qeghda b'*sick leave* minhabba l-akkadut u ser ikollha tibda biex taghmel uzu mill-*vacation leave*: ghal kull buon fini, ghandha parir mediku li ma toqdghodx gewwa u *in oltre* ser issiefer ghal jumejn minhabba l-bzonn ta' konsulta mediku ghal membru tal-familja.

Ghaldaqstant il-Protestanti filwaqt li tpoggi lill-Ministru in dolo mora u culpa ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u tirrizerva kull azzjoni ghad-danni, tinterpellah sa biex minnufieh jordna illi tigi revokata l-ordni ta' trasferiment u tigi assenjata post gewwa l-iSptar Mater Dei.

Bl-ispejjez

**Av. Andrew Borg-Cardona**
56 Triq Melita Valletta

**Notifika**:

Ministru tas-Sahha, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta

**Protestanti**:

[redacted]